MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 111/2009

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Dr. Martin Fenech LL.D. u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tat-12 ta' Marzu 2009 gew nominati Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal ta' Carmel Baldacchino, zewg Guzeppa Baldacchino nee` Casha, bin il-mejjet John Baldacchino u Mary Baldacchino nee` Scicluna imwieled Senglea Malta u miet Pieta` Malta fit-30 ta' April 2005 kif ukoll lil Josephine Baldacchino [b'digriet tad-9 ta' Lulju 2009]

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c., u konfermat bil-gurament mill-P.L. Adrian Borg, li bih espona:

Illi permezz ta' Kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 5 ta' Awissu 1999 in atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius (Dokument HSBC1) rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali

datata 28 ta’ Frar 2001 (Dokument HSBC2) is-socjeta` rikorrenti giet konfermata kreditrici ta’ l-intimat Carmel Baldacchino fis-somma ta’ sitt elef tliet mija u disgha u sebghin Euro u sitta u tletin cents (€6,379.36) ekwivalenti ghal elfejn, seba’ mija u tmienja u tletin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm2,738.66) rapprezentanti sorte flimikien mal-imghaxijiet legali ta’ 8% mill-5 ta’ Awwissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi fil-frattemp u cioe` fit-30 ta April 2005 - ara Certitikat tal-Mewt Dokument HSBC3 miet l-intimat bla testament - ara Certifikati Testmenti Pubblici u Sigrieti Dokumenti HSBC4 u 5 u r-rikorrent *nomine* m’ghandux mezz biex ikun jaf min huma l-eredi ta’ l-intimat u ghalhekk hemm bzonn li jigi nominat kuratur ta’ l-eredita` gjacenti ta’ l-istess Carmel Baldacchino;

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti li *ai terrmini* ta’ l-Artikolu 259 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra l-intimati *nomine* u b’hekk l-istess kuntratt jerga’ jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u tkun tista’ tigi ezegwita kontra l-eredita` gjacenti tad-*decujus* Carmel Baldacchino.

Rat id-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat id-digriet tat-12 ta’ Marzu 2009 li permezz tieghu gew nominati Dr. Martin Fenech u l-P.L. Veronica Rossignaud biex jirrapprezentaw il-wirt battal ta’ Carmel Baldacchino.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Veronica Rossignaud li biha esponew:

1. Illi fl-ewwel lok il-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.

2. Illi fit-tieni lok il-kuraturi deputati jitolbu lis-socjeta` rikorrenti min huma l-werrieta ta’ l-intimat u xi prova ghandhom li dan il-wirt huwa battal;

3. Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2009 li permezz tieghu Dr. Dodebier ghall-bank rikorrent iddikjarat li m’ghandha ebda indirizz ghax Carmel Baldacchino huwa mejjet u hadd mill-eredi ma accetta l-wirt.

Gie prezentat affidavit ta’ Adrian Saliba Corrado, *Credit Officer* mal-bank rikorrent fid-dipartiment tas-*Central Debt Recovery Unit* li fih issemma li hu gie involut fil-kwistjoni meta ta struzzjonijiet lid-dipartiment legali tal-Bank biex jipprocedi bil-bejgh tal-vettura Peugeot 106 JBC209 li kienet suggetta ghall-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv 1668/04. Ir-rikors ghall-bejgh bis-subasta gie prezentat fl-4 ta’ April 2005 izda mbaghad miet Carmelo Baldacchino u l-bank issospenda l-proceduri biex jirregola ruhu. Semma l-proceduri li ttiehdu biex il-bank jezegwixxi t-titolu ezekuttiv tieghu. Qal li fl-4 ta’ Mejju 2006 kien kiteb lil Josephine Baldacchino u liz-zewg uliedha li jghixu f’Malta biex jikkomunikaw mieghu u fis-17 ta’ Mejju 2006 gie infurmat minn Josephine Baldacchino li ma kellhiex mezzi biex thallas id-dejn. Din qaltlu wkoll li la hi u anqas uliedha ma accettaw il-wirt ta’ Carmel Baldacchino minhabba li dan kellu biss djun u assi ma kellu xejn.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi t-talba fil-kawza odjerna saret fuq il-bazi tal-Kap 12 art 259 *et sequitur*. F’dan il-kaz it-talba saret kontra l-werrieta tad-debitur. Kien ghalhekk li s-socjeta` rikorrenti ipprocediet kontra l-wirt battal ta’ Carmel Baldacchino in segwitu li kien sar il-kuntratt ta’ Kostituzzjoni ta’ Debitu tal-5 ta’ Awissu 1999 li kien gie rez ezekuttiv wara ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 2001. Is-socjeta` rikorrenti

kienet giet konfermata kreditrici ta' l-intimat Carmel Baldaccino fl-ammont ta' Lm2738.66 ekwivalenti ghal €6379.36 oltre imghaxijiet legali ta' 8% mill-5 ta' Awissu 1999. L-intimat kien miet bla testment skond kif jirrizulta mic-certifikati HSBC 3, 4 u 5. Illi ghalhekk it-talba tidher gustifikata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghall-motivi fuq imsemmija, wara li l-Qorti rat il-Kap 12 art 259 *et sequitur*, tordna li jigu ravvivati d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti kontra l-intimat *nomine* u l-kuntratt tal-5 ta' Awissu 1999 ikun titolu ezekuttiv ezegwibbli kontra l-eredita` gjacenti ta' Carmel Baldacchino.

Spejjez kontra l-intimati b'dan dejjem li hu riservat id-dritt tal-kuraturi mis-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------